**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta’ Mejju, 2018

Rikors Nru : 117/18AL

**AB**

**U**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġuntiv ppreżentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettew :

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fis-6 ta’ Awwissu 2011 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok. A;

Illi l-istess partijiet ilhom jghixu hajja separata minn ma’ xulxin ghal dawn l-ahhar erba` (4) snin;

Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu, oltre illi z-zewg partijiet qed jghixu hajja indipendenti minn ma' xulxin.

Illi jinghad inoltre li ma jezisti l-ebda obbligu ta' alimenti fil-konfront ta' xulxin peress illi t-tnejn li huma ghandhom impjieg u huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin;

Illi ghalkemm tezisti l-Komunjoni tal-Akkwisti bejn il-partijiet, din m'hix komposta minn ebda attiv jew passiv u ghalhekk m'hemmx x'jigi likwidat u diviz bejn il-partijiet; illi ghalhekk din ghandha tigi biss dikjarata bhala xjolta u terminata.

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissodisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tiddikjara t-terminazzjoni u xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Hayman.
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u kif ukoll bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-Akkwisti ta' bejniethom, sabiex dan l-istat ikun jista` jigi registrat fir-Reġistru Pubbliku;
4. Taghti u/jew tordna kull provvediment iehor li jkun jidhrilha hekk xieraq u opportun.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2018;

Rat illi l-partijiet ipprovaw li huma ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom ighixu hajja separata minn xulxin ghal dawn l-ahhar erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu wkoll illi ghalkemm tezisti l-komunjoni tal-akkwisti, din mhux komposta minn ebda attiv jew passiv, u ghalhekk m'hemmx x'jigi likwidat u diviz bejn il-partijiet u talbu li din ghandha tigi biss dikjarata xjolta u terminata.

Ikkunsidrat :

Illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni kongunta taz-zewg partijiet , il-Qorti tiddikjara illi l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum ezistenti bejn il-partijiet tkun xjolta u terminata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi l-partijiet ghandhom zmien xahar minn meta din is-sentenza tkun *res judicata* biex jinnotifikaw lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza.

Il-Qorti qeghda wkoll tilqa` t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tiddikjara t-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.